MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-28 ta' April, 2004

Ċitazzjoni Numru. 1350/2002

**Bank of Valletta p.l.c.**

**-vs-**

1. **Andrew Vaswani.**
2. **Henry u Lal mizzewgin Vaswani.**
3. **Lampara Developers Limited.**
4. **Sheilal Holdings Limited.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-28 ta' Novembru, 2002 li permezz tieghu l-Bank attur ippremetta:

Illi s-socjeta' attrici kkoncediet "Loan Facilities" lill-konvenut Andrew Vaswani;

Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-konvenut Andrew Vaswani fis-somma ta' mija u sitta u erbghin elf, hames mija u wiehed u hamsin Liri Maltin u hamsin centezmu (Lm146,551.50) bilanc ghal debitu fil-"Loan Accounts" ta' Andrew Vaswani mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "A1 sa A5", "B1 sa B4", "C1 sa C19") flimkien ma l-imghax ulterjuri mill-1 t' Ottubru, 2002 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Illi permezz ta' skrittura privata datata 16 ta' Frar, 1999 (Dok "D"), il-konvenuti Henry u Lal mizzewgin Vaswani ggarantew flimkien u "in solidum" ma' Andrew Vaswani ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti ta' l-istess Andrew Vaswani mal-Bank of Valletta p.l.c., sal-valur ta' tlieta u sittin elf Liri Maltin (Lm63,000.00).

Illi permezz ta' kuntratt datat 27 ta' Settembru, 1996 in atti Nutar Dottor Peter Fleri Soler li qed jigi hawn pprezentat u mmarkat Dok "F", u permezz ta' skrittura privata datata 20 ta' Frar, 1999 (Dok "G"), is-socjeta' konvenuta Lampara Developers Limited iggarantiet flimkien u "in solidum" ma' Andrew Vaswani ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. d-debiti ta' l-istess Andrew Vaswani mal-Bank of Valletta p.l.c. sal-valur ta' tlieta u sittin elf Liri Maltin (Lm63,000.00).

Illi permezz ta' skrittura privata datata 20 ta' Frar, 1999 (Dok "H"), is-socjeta' Sheilal Holdings Limited iggarantiet flimkien u "in solidum" ma' Andrew Vaswani ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti ta' l-istess Andrew Vaswani mal-Bank of Valletta p.l.c., sal-valur ta' tlieta u sittin elf Liri Maltin (Lm63,000.00).

Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' erba' ittri ufficjali
rispettivament datati 28 t' Awwissu, 2002 li kopja taghhom qed jigu esebiti u mmarkati Dok "I", Dok "J", Dok "K" u Dok "L", sabiex ihallsu d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti.

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m' ghandhiex:

i. Tikkundanna lil Andrew Vaswani ihallas flimkien u "in solidum" ma' Henry u Lal mizzewgin Vaswani, Lampara Developers Limited u Sheilal Holdings Limited, lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u sitta u erbghin elf, hames mija u wiehed u hamsin Liri Maltin u hamsin centezmu (Lm146,551.50) bilanc ghal debitu fil-"Loan Accounts" ta' Andrew Vaswani mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "A1 sa A5", "B1 sa B4", "C1 sa C19") flimkien ma l-imghax ulterjuri mill-1 t' Ottubru, 2002 sad-data ta' l-effettiv pagament;

ii. Tikkundanna lil Henry u Lal mizzewgin Vaswani ihallsu flimkien u "in solidum" ma' Andrew Vaswani, Lampara Developers Limited u Sheilal Holdings Limited, lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlieta u sittin elf Liri Maltin (Lm63,000.00) bhala parti mill-bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Andrew Vaswani mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "A1 sa A5", "B1 sa B4", "C1 sa C19") flimkien ma l-imghax ulterjuri mill-1 t' Ottubru, 2002 sad-data ta' l-effettiv pagament;

iii. Tikkundanna lil Lampara Developers Limited, thallas flimkien u "in solidum" ma' Andrew Vaswani, Henry u Lal mizzewgin Vaswani u Sheilal Holdings Limited, lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlieta u sittin elf Liri Maltin (Lm63,000.00) bhala parti mill-bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Andrew Vaswani mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "A1 sa A5", "B1 sa B4", "C1 sa C19") flimkien ma l-imghax ulterjuri mill-1 t' Ottubru, 2002 sad-data ta' l-effettiv pagament;

iv. Tikkundanna lil Sheilal Holdings Limited thallas flimkien u "in solidum" ma' Andrew Vaswani, Henry u Lal mizzewgin Vaswani u Lampara Developers Limited, lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlieta u sittin elf Liri Maltin (Lm63,000.00) bhala parti mill-bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Andrew Vaswani mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "A1 sa A5", "B1 sa B4", "C1 sa C19") flimkien ma l-imghax ulterjuri mill-1 t' Ottubru, 2002 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittri ufficjali datati 28 t' Awwissu, 2002 u tal-Mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid li qed jigu pprezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-Bank attur mahlufa mill-Prokuratur Legali Joseph Zammit I.D. 19834 (G) u l-lista tax-xhieda.

Rat li l-konvenuti Andrew Vaswani u l-konjugi Henry u Lal Vaswani ma pprezentawx in-nota ta' l-eccezzjonijiet ghalkemm gew debitament notifikati u kwindi baqghu kontumaci skond il-Ligi.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet pprezentata fit-30 ta' Gunju, 2003 li permezz taghha s-socjetajiet konvenuti Lampara Developers Limited u Sheilal Holdings Limited eccepew:

1. Illi preliminarjament is-socjeta' Lampara Developers Limited ma' tistax skond l-istatut taghha tiggarantixxi debiti ta' terzi.

2. Illi minghajr pregudizzju in kwantu li l-eccipjenti huma garanti solidalment mal-konvenuti Andrew Vaswani, ghandhom interess li jekk talvolta jirrizulta li hemm somma dovuta lis-socjeta' attrici din tkun somma komputata skond il-ligi.

3. Illi minghajr pregudizzju ukoll, in kwantu illi hemm talba fil-konfront ta' kull wahda mill-eccipjenti, u kontra il-konvenuti Henry u Lal Vaswani, ghall-hlas ta' (Lm63,000) tlieta u sittin elf lira, irid jigi precizat fil-konfront ta' kull socjeta' konvenuta kem jrid jithallas, una volta li mill-kawzali tac-citazzjoni l-pretensjoni tas-socjeta' attrici hija bbazata fuq garanzija solidalment mal-konvenut Andrew Vaswani, u is-socjetatjiet konvenuti, u il-konvenuti Henry u Lal Vaswani, mhumiex garanti solidali flimkien ma' xulxin izda separatament.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjetajiet konvenuti Lampara Developers Limited u Sheilal Holding Limited mahlufa minn Andrew Vaswani u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali.

Semghet ix-xhieda tal-Prokuratur Legali Joseph Zammit.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Marzu, 2004 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel eccezzjoni tas-socjetatjiet konvenuti hija fis-sens illi s-socjeta' Lampara Developers Limited ma' tistax tiggarantixxi debiti ta' terzi skond l-istatut taghha. Madankollu mid-dokument esebit mill-Bank attur fis-seduta fuq indikata a fol. 76 tal-process jirrizulta illi permezz ta' rizoluzzjoni straordinarja tal-azzjonisti tal-istess socjeta' illi ttiehdet fit-28 ta' Lulju, 1994 gie deciz illi l-istess socjeta' tista' – "*secure and guarantee any debt. Liability or obligation of the company or of any third party*".

Ghalhekk l-eccezzjoni m' ghandhiex bazi guridika. It-tieni eccezzjoni hija illi s-somma talvolta dovuta lis-socjeta' attrici ghandha tkun komputata skond il-ligi; jidher car

pero' mid-dokumenti esibiti illi l-ammont mitlub huwa korrett. Ghalhekk anke din l-eccezzjoni qed tigi respinta.

Kwantu ghall-ahhar eccezzjoni il-konvenuti qed jeccepixxu illi t-talba attrici *hija bbazata fuq garanzija solidalment mal-konvenut Andrew Vaswani u s-socjetajiet konvenuti u l-konvenuti Henry u Lal Vaswani mhumiex garanti solidali flimkien ma' xulxin izda separatament.*

Mill-atti jirrizulta li l-konvenut Andrew Vaswani hu debitur tal-Bank attur ghas-somma ta' somma ta' mija u sitta u erbghin elf, hames mija u wiehed u hamsin Liri Maltin u hamsin centezmu (Lm146,551.50) bhala "Loan Account", permezz ta' skrittura tas-16 ta' Frar, 1999; il-konjugi Vaswani iggarantew solidalment ghal dejn ta' tlieta u sittin elf Lira (Lm63,000) u l-istess ghamlu s-socjetajiet konvenuti permezz ta' kuntratt u skrittura privati. Jidher ghalhekk li s-socjetajiet konvenuti ghandhom ragun jeccepixxu illi l-garanzija taghhom hija limitata ghas-somma ta' tlieta u sittin elf Lira (Lm63,000) – dan japplika ukoll ghall-konvenuti konjugi Vaswani. Illi ghalhekk l-ewwel talba tal-attur illi l-konvenuti kollha solidalment ghandhom jigu kkundannati jhallsu s-somma kollha lill-attur hija monka u ma' tistax tigi milqugha kif inhi. Dan oltre l-fatt illi fil-konfront tal-konvenuti kollha (barra Andrew Vaswani) qed isiru talbiet ohra fir-rigward tal-garaziji illi taw.

Illi oltre dan fir-rigward tal-ammont dovut il-prova prodotta mill-attur ma' gietx kontradetta.

**Il-Qorti ghalhekk, fil-kontumacja tal-konvenuti Andrew Vaswani u l-konjugi Henry u Lal Vaswani, tichad l-ewwel**

**zewg eccezzjonijiet tas-socjetajiet konvenuti, izda tilqa' parzjalment l-ahhar eccezzjoni taghhom billi:-**

**1. tilqa' l-ewwel talba attrici limitatament billi tikkundanna lill-konvenut Andrew Vaswani jhallas lill-Bank attur is-somma ta' mija u sitta u erbghin elf, hames mija u wiehed u hamsin Liri Maltin u hamsin centezmu (Lm146,551.50) flimkien ma' l-imghaxijiet mill-1 t' Ottubru, 2002 sad-data tal-pagament effettiv, izda tichadaha fil-konfront tal-konvenuti l-ohra.**

**2. tikkundanna lill-konvenuti Henry u Lal Vaswani flimkien u "in solidum" mal-konvenut Andrew Vaswani u s-socjetajiet konvenuti Lampara Developers Limited u Sheilal Holdings Limited ihallsu lill-Bank attur is-somma ta' tlieta u sittin elf Lira (Lm63,000) bl-imghaxijiet ulterjuri mill-1 t' April, 2002 sad-data tal-pagament effettiv. Bl-ispejjez inkluz tal-ittra ufficjali u l-mandati msemmija fic-citazzjoni jigu sopportati kollha mill-konvenuti.**

**3. Tikkundanna lis-socjeta' Lampara Developers Limited flimkien u "in solidum" mal-konvenut Andrew Vaswani, Henry u Lal konjugi Vaswani u s-socjeta' Sheilal Holdings Limited ihallsu lill-Bank attur is-somma ta' tlieta u sittin elf Lira (Lm63,000) bl-imghaxijiet ulterjuri mill-1 t' April, 2002 sad-data tal-pagament effettiv.**

**4. Tikkundanna lis-socjeta' Sheilal Holdings Limited flimkien u "in solidum" mal-konvenut Andrew Vaswani, Henry u Lal konjugi Vaswani u s-socjeta' Lampara Developers Limited ihallsu lill-Bank attur is-somma ta' tlieta u sittin elf Lira (Lm63,000) bl-imghaxijiet ulterjuri mill-1 t' April, 2002 sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez jithallsu kwantu ghal wiehed minn tmienja mill-Bank attur u l-kumplament mill-konvenuti solidalment bejniethom.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------